

**Brussell, 9 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)**

**13406/1/25  
REV 1**

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0223 (COD)**

---

---

**PROCIV 121  
IPCR 67  
SAN 586  
POLMIL 281  
COCON 61  
JAI 1331**

**NOTA**

|                                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|-----------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                             | Presidenza                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| lil:                              | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| Nru. dok. preċ.: 11689/25 + ADD 1 |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Suġġett:                          | Dokument ta' Orjentazzjoni tal-Presidenza dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (13-14 ta' Ottubru 2025). |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument ta' orjentazzjoni tal-Presidenza bil-ħsieb tal-Kunsill tal-Ministri għall-Affarijiet Interni tat-13 u l-14 ta' Ottubru 2025.

Dokument ta' Orjentazzjoni tal-Presidenza għad-diskussjoni tal-proposta għal Regolament dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) u l-appoġġ tal-Unjoni għat-tħejjija u għar-rispons f'każ ta' emerġenza tas-saħħa fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-13 u l-14 ta' Ottubru 2025

L-oġġettiv tal-Presidenza b'din id-diskussjoni huwa li tiġbor il-fehmiet tal-Ministri dwar il-proposta leġiżlattiva għal Regolament dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) u l-appoġġ tal-Unjoni għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (UCPM-HER).

Il-proposta taġġorna u tespandi l-UCPM eżistenti u tintegra l-appoġġ finanzjarju tal-UE għat-tħejjija u għar-rispons f'każ ta' emerġenza tas-saħħa. Hija tipproponi wkoll funzjonijiet transsettorjali ġodda ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet inkluż Ċentru tal-UE għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fi ħdan il-Kummissjoni, kif ukoll azzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ċivili-militari fil-livell tal-UE. Għal dan l-għan, il-proposta fiha elementi importanti għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza.

F'dawn l-aħħar snin, l-Ewropa, u anke d-Dinja, iffaċċjaw diżastri u kriżijiet ta' skala u kumplessità bla preċedent. Fil-kontinent Ewropew reġġhet ġiet il-gwerra u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna biddlet b'mod fundamentali x-xenarju tas-sigurtà. It-theddid ibridu intensifika bl-iskop li jimmina l-istabbiltà, il-koeżjoni u r-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna.

Fl-istess ħin, l-impatt tat-tibdil fil-klima qed isir dejjem aktar sever, fuq skala li qatt ma rajna qabel. L-avvenimenti estremi tat-temp issa jaffettwaw lill-Ewropa b'żieda fil-frekwenza; bl-aktar mod traġiku permezz ta' nirien fil-foresti devastanti u għargħar katastrofiku. Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 urietna li l-Ewropa mhijiex immuni għall-pandemiji u għall-impatt enormi li jista' jkollhom. Dawn l-avvenimenti huma interkonnessi u spiss ikollhom impatt simultanju fuq diversi setturi.

F'dan l-isfond, l-UE għandha tkun ippreparata aħjar biex tirrispondi għal diżastri u kriżijiet futuri abbażi ta' approċċ li jkopri l-perikli kollha. Biex dan isir, iridu jissaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-appoġġ mill-istituzzjonijiet tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitajiet tat-tipi differenti ta' diżastri u kriżijiet u r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri fil-ġestjoni tad-diżastri u l-kriżijiet.

F'Ġunju 2025, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jkomplu jaħdmu fuq il-kontribut tal-politiki tal-UE għar-reżiljenza u t-tħejjija fl-oqsma rilevanti, inkluż ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, filwaqt li jirrispettaw ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-Istati Membri.

Huwa fakkar fl-ispeċifitàjiet ta' tipi differenti ta' kriżijiet u r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri fil-ġestjoni ta' kriżijiet bħal dawn. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kunsill jipprovdi gwida lill-Kummissjoni biex tikkunsidra titjib fl-appoġġ ipprovdut mill-UE lill-Istati Membri fil-protezzjoni ċivili, kif ukoll f'oqsma ta' politika rilevanti oħra fejn l-appoġġ tal-UE jipprovdi valur miżjud ċar.

Id-diskussjoni dwar din il-proposta leġiżlattiva tirrappreżenta parti importanti tal-isforzi kollettivi tagħna biex jiġi ddeterminat kif l-aħjar nilħqu l-għan li nkunu ppreparati aħjar. L-UCPM kien storja ewlenija ta' suċċess tal-kooperazzjoni u s-solidarjetà Ewropea u kwalunkwe titjib deċiż skont din il-leġiżlazzjoni l-ġdida jeħtieġ li jibni fuq dak is-suċċess u jsaħħu. L-għan għandu jkun it-tisħiħ ulterjuri tas-solidarjetà Ewropea.

Il-Presidenza tipproponi, għall-kunsiderazzjoni tal-Ministri, it-tliet mistoqsijiet ta' gwida li ġejjin biex tiġi strutturata d-diskussjoni:

1. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-bidliet ewlenin imressqa mill-proposta leġiżlattiva għal revizzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), inkluż dwar il-passi ssuġġeriti mill-Kummissjoni biex ikomplu jittejbu l-appoġġ u l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili?
2. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar l-elementi transsettorjali ġodda tar-Regolament, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni ċivili-militari u dwar iċ-Ċentru tal-UE għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fi ħdan il-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-istrutturi eżistenti tal-UE u dawk nazzjonali għall-ġestjoni tad-diżastri u tal-kriżijiet?
3. Kif nistgħu niżguraw li l-proposta ssaħħa il-kooperazzjoni u s-solidarjetà Ewropea filwaqt li tqis l-ispeċifitàjiet ta' tipi differenti ta' diżastri u kriżijiet, u tirrispetta r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri u r-rwol tal-Kunsill?